MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 71/2002/1

**Avviz numru 71/2002**

**Joan Falzon**

**vs**

**Michael Angelo Ciantar**
**Edwin Ciantar**
**AXA Insurance, Atlas Insurance Agency limited**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Dicembru 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba, kif ukoll ir-risposta bil-kontro-talba tal-konvenuti.

Sema’ x-xhieda li tressqu mill-partijiet kontendenti.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra;

Illi l-mertu tal-kawza jitratta incident tat-traffiku li sehh nhar is-Sibt, 5 ta’ Jannar 2002 ghall-habta tal-11 p.m. fi Triq l-Imgarr, Victoria, Ghawdex bejn l-attrici li kienet harget minn triq sekondarja fuq in-naha tax-xellug tat-triq meta wiehed ihares fid-direzzjoni tal-belt Victoria u cioe’ fil-kantuniera tal-impjant tal-halib u l-konvenut Edwin Ciantar li kien qieghed isuq fid-direzzjoni tal-istess belt Victoria.

Illi billi l-incident kien *bumper-to-bumper, ma giex redatt skizz* u *road accident report* mill-pulizija.

Illi l-partijiet taw verzjonijiet differenti ta’ kif sehh l-incident: ma jaqblux fuq fejn sehhet il-habta: il-konvenut isostni li l-habta sehhet vicin it-triq sekondarja; filwaqt illi l-attrici tghid li kienet diga’ harget minn din it-triq u saqet ghal certa distanza fit-triq principali meta sehhet il-habta: waqt l-access, il-konvenut indika li spot of impact bhala cirka <u>zewg metri</u> ’l boghod min-naha tax-xellug tat-triq sekondarja imnejn harget l-attrici (fuq ix-xellug ta’ din it-triq, hi u tisbokka fit-triq principali, il-kantuniera mhix ta’ 90 grad imma hemm tundjatura. It-Tribunal ikkalkula z-zewg metri wara li ghamel progettazzjoni bi skontru taz-zewg hitan dritti) filwaqt illi l-attrici indikat li l-kollizjoni sehhet f’distanza ta’ <u>disa’ metri</u> boghod.

Illi James Azzopardi u Joseph Ciantar, passiggieri fil-vettura tal-konvenut fl-affidavit taghhom qalu li l-habta saret mal-kantuniera taz-zewg toroq, ghad illi wara l-impatt Joan Falzon baqghet issuq ghal distanza ta’ cirka 150 pied mill-post tal-impatt (fol 19, 20). Il-konvenut, Edwin Ciantar, li kien is-sewwieq jghid li *ilhaqtha fil-kantuniera ta’ wara, jigifieri hbatt maghha fil-kantuniera ta’ wara* (fol 42). L-istess Joseph Ciantar, in kontro-ezami kkonferma li *il-habta saret fil-kantuniera tas-side-street hekk kif l-attrici kienet ghadha qieghda ddur.* (fol 54)

filwaqt illi l-imsemmi James Azzopardi, in kontro-ezami rega' kkonferma li meta sehhet il-habta, *l-attrici kienet ghadha ma ddrittatx ghal kollox* (fol 56). Joeline Cutajar, xhud prodotta mill-konvenuti, li kienet ghaddejja mit-triq minnufih wara li sehh l-incident, u waqfet biex tara jekk il-konvenut kellux bzonn xi ghajnuna, qalet li *Il-karozza ta' Ciantar rajtha mahbuta fuq in-naha t'isfel tal-kantuniera tas-side-street int u thares lejn il-belt Victoria filwaqt illi dik tal-attrici kienet kwazi n-naha l-ohra tal-petrol station*(fol 57). Il-pulizija li marru fuq il-post ma jiftakrux fejn raw il-vetturi rispettivi.

Illi l-attrici xehdet li *kif wasalt sa nofs il-pompa tal-petrol ta' Maurice ta' Gangu, em, inhoss daqqa fuq wara tal-karozza tieghi(fol 34).* Il-petrol station twila cirka mija u hamsin pied. Din hija verzjoni differenti minn dik li tat l-attrici waqt l-access, fejn indikat li l-habta sehhet 9 metri biss 'il boghod mill-kantuniera.

Illi l-attrici xehdet in kontro-ezami illi ma kienx hemm tabella tat-traffiku fit-tarf tat-triq sekondarja imnejn harget (fol 39) dakinhar tal-incident. Dan hu kontradett mill-konvenut. It-Tribunal ikkonstata li fil-fatt kien hemm tabella ta' *stop sign* kif ukoll linja laterali bajda fuq in-naha tax-xellug tas-side-street u cioe' s-sinjalatika normali mandatorja li tordna lis-sewwieq biex jieqaf. Jidher li ilha hemm.

Illi l-attrici sostniet li l-konvenut Ciantar kien qieghed isuq bi speed eccessiv, tant li skond hi dan qalilha li kien qed isuq bit-tmenin mil fis-siegha – asserjoni michuda minn Ciantar. Qalet li Ciantar halla brake-marks twal – haga wkoll michuda mix-xhieda kollha prodotti mill-konvenut, inkluza dik ta' Joeline Cutajar (fol 57) li t-Tribunal jaghtiha piz kbir ghax hija xhieda mill-iktar verosimili u kredibbli, apparti li din ix-xhud hija iktar indipendenti mill-ohrajn peress illi ma kinitx riekba mal-konvenut Ciantar. Il-pulizija li accedew fuq il-post ma jiftakrux kienx hemm brake-marks twal.

Illi l-attrici ssostni li l-impatt kien tant kbir illi l-vettura taghha giet imbuttata distanza konsiderevoli 'l quddiem.

Din il-verzjoni ma ssibx konfort mill-entita zghira tal-hsara – cirka LM250 – li sofriet il-vettura tal-attrici.

Illi ghalhekk il-verzjoni li l-iktar taqbel mad-dinamika tal-incident, kif ukoll max-xhieda prodotta, hija dik tal-konvenut Edwin Ciantar li xehed li waqt li kien isuq fi Triq l-Imgarr, ra lill-attrici mal-kantuniera qieghda tistenna biex tohrog, u daqqilha l-horn. *Madanakollu hi minflok, ratni gej, ghafset izjed il-gass u harget ezatt quddiemi, ghafast il-brejk u lhaqtha fil-kantuniera ta' wara……ilmaht lill-attrici minn tul ta' madwar tlieta jew erba' karozzi……brake-marks kien hemm ftit iktar minn tul ta' karozza… tal-attrici baqghet sejra u pparkjat mal-gemb tat-triq.*

Illi t-Tribunal ikkonstata waqt l-access illi ma hemmx vizwali tajba tan-naha tal-lemin ta' Triq l-Imgarr int u hiereg mit-triq laterali, l-iktar minhabba s-sigar li hemm fil-front garden ta' quddiem l-impjant tal-halib. Din ic-cirkostanza iktar u iktar tpoggi piz fuq is-sewwieq li joqghod ferm attent qabel johrog fit-triq principali.

F'din il-kawza, jidhol il-punt importanti tad-drittijiet u obbligi rispettivi tal-*main road user* u tas-*side road user,* li ta' spiss jifforma argument fid-dottrina u l-gurisprudenza;

Fid-dottrina Ngliza,[1] huma citati decizjonijiet tal-Qrati Skoccizi (Court of Session) li huma *loci classici* in materja.[2] Ir-riassunt ta' dawn id-decizjonijiet jista' jsir fil-principjim li sejrin jigu enuncjati testwalment[3]:

*1. A driver approaching a main road from a side road must have his vehicle under such control as to be prepared for any traffic encountered there (Mc Andrew v Tillard). When coming from a side road into a main road, the driver of a vehicle should select such a moment*

[1] The Law of Collisions on Land, Andrew Dewar Gibb, 1932 pagna 101; The Law Relating to Motor Cars, Mahaffy and Dodson, 1929 p 77; u Charlesworth The Law of Negligence, 1947, p 84-85

[2] Mc Andrew v Tillard 1909, S.C. 78; Robertson v Wilson 1912 S.C. 1276; Mc Allister v Glasgow Corportation 1917 S.C. 430; M'Wair v Glasgow Corporation 1923 S.C. 397; Hutchinson v Leslie 1927 S.C. 95.

[3] Kif ikkwotati fis-sentenza importanti *Il-Pulizija vs Anthony Galea, Appell Kriminali, W. Harding 5 ta' Settembru 1953 Kollezz XXXVII.iv.1137*

*as will allow him to enter the main road with safety (Charlesworth).*
*2. It is the duty of side road traffic to give way to traffic proceeding along the main road (Robertson v Wilson).*
*3. The duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher order. The more risky and difficult the manoeuvre is, the greater the duty incumbent on the driver. In the sense, therefore, that turning out of a side-road into a main road is more difficult than continuing a main road, the side-road's driver is higher (M'Nair v Glasgow Corporation; u Hutchinson v Leslie).*
*4. The actual precautions called for in any particular situation are a practical question, and depend on the facts of the particular situation (M'Nair v Glasgow Corporation).*

Skond Regolament numru 76 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994):

*Triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritt tal-moghdija u t-traffiku u t-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa' lil dak tat-triq imsemmija hawn fuq, izda, b'danakollu, id-driver ta' kull vettura bil-mutur sew fi triq principali jew sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera.*

Skond paragrafu 213 tal-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq, 2001:

*F'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun ghaddej fi, jew li jkun hiereg minn, it-triq principali*.

F'*Il-Pulizija v Anthony Galea* (Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 Vol XXXVII.iv.1137) l-Imhallef William Harding hekk ikkonkluda wara studju *funditus* dwar l-obbligi rispettivi tal-*main* u *side road users:*

*Ghalhekk, fis-sistema Malti, is-side road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha, ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. U l-main road user ukoll ghandu joqghod attent fil-cross roads; imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu hu ferm inqas, ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta.*

F'*Anna Stanley vs Alan Zahra* – 23 ta' Marzu 1993, Prim'Awla, Onor. J Said Pullicino, Kollezz LXXVII.iii.93, iben l-attrici kien isuq Mercedes b'velocita' qawwija fi Vjal ir-Rihan (triq principali) bejn in-Naxxar u San Gwann, filwaqt li l-konvenut baqa' diehel fih minn Triq l-Iskola (triq sekondarja). Il-vizwali kienet tajba hafna kemm ghal bin l-attrici kif ukoll ghall-konvenut u ghalhekk ma kien hemm xejn milli jimpedixxi lill-konvenut milli jzomm *a proper look-out*. Il-konvenut ma waqafx hu u hiereg mis-side street, fejn kien hemm stop-sign. Il-Perit Legali kkonkluda li seta' facilment jara lill-Mercedes gejja, specjalment billi kienet gejja b'velocita' eccessiva. Min-naha l-ohra, l-velocita' tal-Mercedes giebet lis-sewwieq fl-impossibilita' li jevita l-incident. Responsabilita': terz (1/3) ghal bin l-attrici u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut. Il-qorti ma qablitx mal-perit legali:

*Fil-fehma tal-Qorti, il-perit legali ma applikax il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza "in civilibus" rigward l-effett ta' velocita' eccessiva tal-main road user fuq id-determinazzjoni tar-responsabilita' tas-sinistru. Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta ppruvata, tesponi lid-driver sija jekk dan ikun main road user sia jekk ma jkunx, ghal proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' relogamenti tas-sewqan apposti; tali velocita' eccessiva fiha nnifisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut;*

*Hu car fil-kaz in ezami illi dak li pprovoka l-incident, certament ma kienx is-sewqan b'velocita' "ftit jew wisq haj" tad-driver tal-karozza tal-attrici, imma l-fatt ippruvat u stabbilit mill-perit legali, illi l-konvenut invada t-triq principali, minn fejn kien niezel il-Mercedes, minghajr ma esplora sewwa dik it-triq u qabel ma accerta ruhu li seta' jaghmel dan bla jkun ta' tfixkil ghat-traffiku gej fuq il-main road. Jirrizulta – u dan hu rilevanti – illi l-konvenut kellu vizwali tajba u fit-tul fid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-Mercedes. Dan ifisser li l-konvenut ma kellu l-ebda skuzanti li seta' b'xi mod gie sorpriz bis-sewqan tal-vettura fit-triq principali. Il-konvenut seta' jara sewwa l-Mercedes. Seta' jiggudika l-velocita' taghha u d-distanza li fiha kienet. Il-konvenut jista' biss jinkolpa lilu nnifsu jekk ma rax il-Mercedes, jew jekk raha, li ma kkalkulax tajjeb il-velocita' taghha. Hu dan il-gudizzju zbaljat li pprovoka l-incident u mhux il-velocita' eccessiva tad-driver l-iehor. Mill-banda l-ohra sewwa jinghad illi l-provi prodotti ma humiex fihom infushom konklussivi ta' xi velocita' esagerata li kienet timpedixxi lid-driver tal-Mercedes li jitlef (il-kontroll tal-) vettura jew li ma jirrejagixxix tempestivament anke jekk mhux b'success jekk jiehu evasive action. Anke jekk jigi koncess dak li kkonkluda l-perit legali, li l-Mercedes kienet qed tigi misjuqa bi speed in eccess ta' dak regolamentari, il-Qorti ma tistax taqbel li s-sewqan ta' bin l-attrici kien tali li jikkwalifikah bhala main road abuser, sal-punt li jigi ritenut responsabbli ghas-sinistru jew li kkontribwixxa ghalih.*

F'*Il-Pulizija vs George Buttigieg u Doris Bonello* – 30 ta' Marzu, 1963, Appell Kriminali, Onor W Harding Vol XLVII.iv.1198. Doris Bonello kienet tiela' Dingli Street, tas-Sliema (gejja minn Tower Road) filwaqt illi George Buttigieg kien hiereg minn Windsor Terrace, triq laterali ghal Dingli Street. Bonello kienet il-main road user, u Buttigieg is-side-road user. Il-Qorti qalet li *fil-kaz prezenti, l-obbligu ta' Buttigieg kien aktar accentwat bic-cirkostanza specjali li l-isbokk minn Windsor Street ghal gewwa Dingli Street, lejn il-parti tal-lemin hu ulterjorment mghotti bi sporgenza tal-bini fuq dik in-naha, kif juri l-iskizz, b'mod li*

*l-vizwali tkompli tinheba kwantu ghal vejkoli li jkunu gejjin, kif kienet Bonello, minn dik il-parti ta' isfel ta' Dingli Street.*

*Issa l-Qorti thossha sodisfatta mill-provi li l-appellant Buttigieg dahal mis-side street ghal gol-main road minghajr ma qaghad attent bizzejjed ghat-traffiku tal-main road u … ma thossx li tista' taghti kredenza lill-verzjoni tieghu fis-sens li waqaf u hares qabel ma mbokka Dingli Street.* Il-Qorti rriteniet li l-konvenuta kienet gejja bi speed baxx, ta mhux iktar minn 15-il mil fis-siegha, u kienet qed tbiddel mis-second gear ghat-top (sic) gear. Bilfors li kellu jkun hekk ghax kienet ghadha kif kisret minn Tower Road, distanza ferm qasira 'l boghod minn fejn sehh is-sinistru. Il-Qorti riteniet li Doris Bonello bl-ebda mod ma kkontribwiet ghall-incident. Interessanti r-riflessjoni tal-Qorti li *Ma jirrizultax li kienet issuq bi speed eccessiv, u, ankorke' kienet, dan il-fattur seta' biss talvolta jinfluwixxi fuq l-applikazzjoni tad-doctrine of last opportunity fis-sens li min isuq bi speed moderat ikollu iktar l-opportunita' li jirreagixxi prontament u jirripara t-tort ta' haddiehor – imma qatt ma kien inehhi li kull reazzjoni taghha simili kienet tkun appuntu ghax Buttigieg hareg fil-main road <u>inkawtament</u>.*

Fil-kawza *Gasan Insurance Agency Ltd vs Saviour Spiteri*, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Gunju 2000 (Avviz Nru 717/99/MM) l-assikurat kien ghaddej minn main road, u cioe' Qajjenza Road, sejjer fid-direzzjoni ta' Birzebbugia, filwaqt illi l-konvenut kien hiereg minn side-street. L-assikurat ibbrejkja u kiser lejn il-lemin biex jipprova jevita l-incident. Anke f'dan il-kaz, il-Qori sabet lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident:

Il-Qorti ghamlet referenza ghall-kawza *Pulizija v Pawlu Borg (Vol XXXVI.i.797)* fejn il-Qorti qalet: *"ghalkemm sewwieq ghandu joqghod dejjem attent sia jekk ikun fuq triq dritta kemm ukoll jekk ikun se jidhol fiha, huwa principju affermat f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Nglizi li sewwieq li se jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra ghandu obbligu akbar minn dak is-sewwieq fuq it-triq id-dritta ghas-semplici raguni li hu jkun se jaqsam li 'stream of traffic' li jkun hemm fuq it-triq dritta: mentri s-sewwieq fuq*

*it-triq id-dritta ladarba se jkompli ghad-dritt ma jkun se jfixkel lil hadd".*

*Dan hu ezatt li gara f'dan il-kaz. L-assikurat tal-attur kien sejjer ghad-dritt u ma kien se jfixkel lil hadd. Kien il-konvenut hiereg minn side-street li kien se jaqsam 'a stream of traffic' li jiddisturba l-utenti l-ohra u messu qaghad ferm u ferm attent qabel ma hareg fuq it-triq principali.*

*L-unika skuza li ghamel il-konvenut ghall-operat tieghu huwa l-velocita' allegatament eccessiva da parti tal-assikurat tal-attur.*

*Dan ma jirrizultax pero'. Ma kien hemm ebda ostakolu ghall-konvenut biex jara l-vettura ghaddejja mill-main road. Jista' jkun li l-konvenut ghamel il-kalkolu hazin, ra lill-attur u haseb li qieghed certu distanza meta fil-fatt kien iktar vicin, imma hu x'inhu, l-accident gara minhabba n-nuqqas ta' prekawzjoni da parti tal-konvenut meta gie biex jitlaq minn 'side street' ghal go 'main road'.*

Fil-gurisprudenza Ngliza, wiehed ukoll isib konflitti fid-decizjonijiet ghar-rigward tas-side road user hiereg fil-main road. Fi *Brooks vs Graham* (12 March 1964, unreported) – ikkwotata fil-11 –il edizzjoni tal-Bingham & Berryman's *Motor Claims Cases, mitbugh minn Butterworths, sena 2000 para 9.124, pagna 385)*, karozza miexja bil-15 mph lejn il-Punent habtet f'inkrocju ma' vann sejjer lejn it-Tramuntana. Il-vann kien hiereg bi 20 mph minn triq li kellha 'Halt' sign. Is-sewwieqa ma rawx lil xulxin qabel il-habta. L-ewwel qorti qatghetha 25% tort lill-karozza u 75% lill-vann.

Fl-appell, il-Qorti qalet li bl-ispeeds relattivi, ma setax ikun li l-vann hareg fit-triq qabel ma l-karozza waslet fl-inkrocju. Di piu', hemm differenza bejn side-street li jkollhom 'slow' sign u dawk li jkollhom 'halt' sign. L-ewwel Qorti ittrattat l-incident bhallikieku kien hemm 'slow' sign biss: *where there is a halt sign, different considerations apply. If a vehicle on a major road is to approach such a crossroads in such a way that it can stop dead if a vehicle on a minor*

*road fails to observe the halt sign, it would mean that it would have to slow down to little more than a walking pace and for all practical intents and purposes bring traffic on the major road to a standstill.*

Illi fil-kaz istanti ma hemmx dubbju li l-konvenut ma kienx miexi bi speed eccessiv u lanqas ma hemm l-icken dubbju li l-incident sehh unikament tort tal-attrici u li ma kien hemm ebda negligenza kontributorja da parti tal-konvenut Edwin Ciantar.

Ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni sofferti mill-konvenuti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tal-attrici, jilqa' t-talbiet fil-kontro-talba tal-konvenut Michael Angelo Ciantar u jikkundanna lill-attrici thallsu s-somma ta' LM544.31c bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kontro-talba sad-data tal-hlas effettiv; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-avukat tal-konvenuti a kariku tal-istess attrici."

Minn din is-sentenza appellat l-attrici bl-aggravji illi t-Tribunal injora u skarta ghal kollox kemm ix-xhieda taghha kif ukoll id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti minnha. Inoltre, tillanja wkoll illi t-Tribunal injora d-dinamika tal-habta fis-sens illi tat attenzjoni ghall-fatt illi l-kollizjoni sehhet "bumper to bumper" u diversi metri l-boghod mill-kantuniera tat-triq sekondarja.

Ghal dawn l-aggravji l-konvenuti rikonvenzjonanti wiegbu illi d-dritt ta' l-appell huwa wiehed limitattissimu u hu konsentit biss fil-parametri ta' l-Artikolu 8 (2) ta' l-Att Numru V ta' l-1995. Huma jikkontendu illi l-obbjezzjonijiet ta' l-appellanti kontra s-sentenza jirrigwardaw biss punti ta' fatt u ghalhekk ma jikkwalifikawx taht ebda wiehed mis-subincizi tal-precitat artikolu tal-ligi.

Huwa nkontestat illi l-ligi teskludi appell fuq apprezzament ta' fatt. Dak hu hekk evidenti mill-kontenut ta' l-Artikolu 8 li jipprovdi nfatti ghad-dritt ta' appell fil-kazijiet hemm tassattivament kontemplati, jigifieri:-

(a) Fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
(b) Fuq kull kwestjoni ta' preskrizzjoni;
(c) Fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 2 ta' l-artikolu 7;
(d) Meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

Dan premess, din il-Qorti kellha, biex tqis ammissibbli l-appell, tiddetermina jekk l-aggravji kif dedotti kienux jikkontestaw il-gudizzju tat-Tribunal ghal xi wahda mir-ragunijiet preskritti mil-ligi u fuq elenkati.

Il-qari tal-aggravji ma jhallu l-ebda dubju fl-opinjoni tal-Qorti illi l-kontestazzjoni hi limitata esklussivament ghall-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal. Apprezzament li ma jidherx mill-istess ligi li hu sindakabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni, ammenokke ma jigix ravvisat xi lezjoni kontra d-dettami ta' l-ekwita`. Aspett dan li lanqas biss gie dedott mill-appellanti.

Anke kieku stess pero` l-aggravji kienu jikkontjenu kontestazzjoni tal-gudizzju tat-Tribunal mil-lat ekwitattiv, "din il-Qorti ma tarax kif jista' l-appellanti jadduci din ir-raguni bhala motiv biex jinficja d-decizjoni appellata. It-tribunal infatti ma ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita` u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali kif johorgu mill-provi tal-kontendenti" – "**Oscar Gatt –vs- Silvio Brincat**", Appell,12 ta' Jannar 2001.

Biex jinghad kollox, imbaghad, anke kieku din il-Qorti kienet akkordata mil-ligi d-dritt li tindahal fl-ezercizzju diskrezzjonali tat-Tribunal tal-apprezzament tieghu tal-fatti, din il-Qorti ma kien ikollha l-ebda esitazzjoni tasal ghall-istess konkluzjoni raggunta mit-Tribunal kemm bhala konsiderazzjoni ta' fatt kif ukoll in tema ta' konsiderazzjoni ta' dritt.

Hi l-ferma konvinzjoni tal-Qorti illi l-appellanti ma esploratx bid-debita attenzjoni u prudenza l-obbligu li kellha meta

giet biex tohrog minn triq sekondarja ghal triq principali. Dan huwa dezunt anke mill-istess xiehda taghha (fol 34).

F'kazijiet konsimili jibqa' jregi dejjem it-taghlin prudenzjali akkolt f'bosta decizjonijiet li jghid illi "is-side-road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" (**Vol XXXVII pIV p1137**; "**Maggur Alfred Stagno Navarra –vs- Nicola Saliba et**", Appell Civili, 27 ta' Novembru 1961; "**Mark Sammut –vs- Maryse Germaine de la Fargue**", Appell Civili, 2 ta' April 1976.

Lanqas ma jidher fil-kaz de quo illi l-addebitu ta' sewqan veloci da parti tal-konvenut appellat Edwin Ciantar kien hu wkoll il-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident. Certament hi stabbilita u ben maghrufa l-gurisprudenza illi anke kieku kellu jirrizulta xi eccess ta' velocita` marginali dan wahdu ma kienx ikun bizzejjed biex tigi akkollata xi responsabilita` lil main road user ghall-incident. Ara a propozitu decizjonijiet fl-ismijiet "**Mehmet Kasap –vs- Edgar Ellul**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 1993 u "**Dottor Remigio Zammit Pace noe –vs- Carmen Grima**" Appell, Sede Inferjuri, 16 ta' Mejju 1997.

Il-Qorti iddilungat fuq dan l-aspett sempliciment biex turi illi ma kien hemm l-ebda raguni konvincenti biex jigi disturbat l-apprezzament kondott mit-Tribunal.

Mill-kumplament tibqa' ferma ghalhekk il-konsiderazzjoni illi l-appell interpost huwa mproponibbli a norma ta' l-Art 8 (2) tal-Kap 380.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza wkoll kontra l-attrici appellanti.

(ft.) Onor. Philip Sciberras LLD
Imhallef
(ft.) Maureen Xuereb

Deputat Registratur
Vera kopja
Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------